MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 389/2008

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument A.

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

3. Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri datat hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007), li qed jigi anness u markat bhala Dokument B;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ukoll peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

6. Illi l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmintax (18) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) li jirregola z-zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda li :

1. Illi l-konvenut jaqbel mat-talba attrici fis-sens li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null izda mhux ghal xi ragunijiet imputabbli esklussivament ghalih ;

2. Illi l-kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innfsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ;

3. Illi l-kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha ;

4. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett skond il-ligi izda ghar-ragunijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-18 ta' Awissu 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] u ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenut fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d], ta' l-artikolu 19[1] tal-Ka.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha tieghu, il-konvenut jattribwixxi l-htija ghaz-zewg partijiet.

**Il-Fatti**
Illi Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu; u mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-18 ta' Awissu 2002 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena, u meta allura, l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 21 sena. Jirrizulta li sa minn qabel iz-zwieg kienu jezistu problemi radikali emanenti mill-inkompatibilita' tal-karattru taghhom, tant li mill-bidu nett taz-zwieg huma kien marru ghand counsellors peress li kienu jillitigaw kontinwament. Il-

partijiet ma kellhomx tfal fiz-zwieg, u r-raguni moghtija hija fis-sens li, sakemm huma jsolvu l-problemi ta’ bejniethom, huma ma kienux ser jahsbu ghat-tfal. Sfortunatament is-sitwazzjoni matrimonjali baqghet tiddeterjora, u fil-15 ta’ Novembru 2007 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**

Il-Qorti wara li semghet liz-zewg partijiet jixhdu, u mill-provi akkwiziti, hija tal-fehema li f’ dan il-kaz jezisti fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat ; stante li l-provi juru li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali. Dan huwa manifest fil-fatt li, nonostante li fl-gherusija huma kienu diga’ konxji tal-fatt li ma setghux jghixu flimkien minghajr ma jillitigaw, huma xorta wahda ghaddsu rashom u zzewwgu, bir-rizultat li z-zwieg taghhom irrizulta li kien zball u beda jixxaqqaq mill-bidu nett.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi miluqgha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta’ Awissu 2002.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------